MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 1007/2003

**A B C gja D**
**vs**
**E D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress li l-kontendenti izzewgu f’ Malta fis-sitta (6) ta’ Mejju tas-sena elf, disa’ mija u hamsa u disghin (1995) liema zwieg gie iskritt fir-Registru Pubbliku ta’ Malta bin-numru ta’ iskrizzjoni hames mija u sitta u sebghin ta’ l-istess sena (576/1995) (Dok A);

U peress li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali ta’ l-istess;

U peress li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

U peress li l-kunsens tal-kontendenti inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

U peress li ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-Ligi, b' mod partikolari a tenur tas-subincizi (d) u (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Jghid il-konvenut il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti f' Malta fis-6 ta' Mejju 1995 (Dok. A) huwa null u bla effett skond il-Ligi, b' mod partikolari a tenur tas-subincizi (d) u (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut biha eccepixxa:

Illi huwa ma jaqbilx illi z-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat bhala wiehed null.

Illi l-esponenti jghid li z-zwieg taghhom kien wiehed validu u ippersista ghal bosta snin u thassar biss minhabba ragunijiet imputabbli solament lill-attrici li dahlet f' relazzjoni ma' terza persuna.

Illi l-attrici ma tistax tghid li ma kienetx ppreparata ghaz-zwieg ghax kienet ilha tohrog mal-konvenut ghal seba' snin qabel iz-zwieg.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjoni[1] tal-perit gudizzjarju l-Konsulent Psikjatra Dottor Anton Grech;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-6 ta' Mejju 1995 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-kontendenti huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [f] u l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 da parti tal-kontendenti, u fit-termini tat-tieni parti tal-paragrafu [d] da parti tal-konvenut. Minn naha tieghu l-konvenut, jopponi ghat-talba attrici li z-zwieg huwa null, u jattribwixxi t-tkisser taz-zwieg unikament ghar-relazzjoni extra matrimonjali li dahhlet fiha l-attrici.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Mejju 1995 meta allura l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut kellu 32 sena; u wara li kienu ilhom jffrekwentaw lil xulxin il-fuq minn tlett snin.  Minn dan iz-zwieg twieldet tifla wara sentejn.  Wara konvivenza matrimonjali ta' izjed minn seba [7] snin il-partijiet isseparaw f' Gunju tas-sena 2002; u illum il-gurnata l-attrici tikkonvivi ma' ragel iehor bit-tifla tal-partijiet.

*Versjoni attrici*

[1] Fol.88 *et seq.*

Illi fl-ewwel affidavit[2] taghha l-attrici tghid li, ghalkemm kienet ilha taf lill-konvenut minn mindu kellha hmistax [15] – il sena, hjia bdiet tohrog mieghu regolarment meta ghalqet it-18-il sena; izda tilmenta li anke waqt iz-zmien ta' l-gherusija "Kont inhoss li E ma jharisx lejja bhal ma' ragel ihares lejn mara, imma konna biss qisna zewgt ihbieb bla ghaqal. Ma kienx hemm ebda relazzjoni ta' kunfidenza bejnietna." Hi tghid li "Jien qatt ma kont inhoss hegga biex nizzewweg lil E pero qisni ma stajtx nitilqu ghax kont nibza' li kont ahjar mieghu milli wahdi." Hija tghid li meta kienet issiefer "qatt ma mmissjajtu" u "kont kwazi nibki meta l-vakanza tasal fl-ahhar". L-attrici tilmenta li anki bhala gharajjes ma kienx hemm komunikazzjoni bejniethom; "ma konniex close u ma konniex nirrelataw flimkien" u kellhom relazzjoni "placida hafna".

L-attrici tghid li meta zzewwget lill-konvenut "jiena kont qisni qed nizzewweg li xi hadd li ma nafux." Tilmenta li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut "ma kienx juri hegga biex ikun sieheb mieghi fiz-zwieg – ma kellu ebda interess fil-futur taghna bhala mizzewwgin u ghal xi familja. Ma kienx juri kapacita' biex jassumi r-responsabbilita' ta' ragel mizzewweg". Kien bniedem immatur sa tal-grad li hi ma setghetx tissapporti l-immaturita' tieghu wara li zzewwgu. Tghid ukoll li "anke emotivament kien juri apatija kbira … E qatt ma kellu nteress fija bhala mara …. Fil-fatt, anke bhala relazzjoni intima ta' bejnietna, din kienet hazina hafna. Konna nghixu separati that l-istess saqaf."

Illi fit-tieni affidavit[3] taghha, il-konvenuta tghid ulterjorment li meta kienet iltaqet mal-konvenut l-ewwel darba u hi allura kellha 15 – il sena "dak iz-zmien kelli nfattwazzjoni fuqu u kont ggennint warajh ghaliex kien igib ruhu bhala bniedem popolari u bravu fl-isfin fid-disco." Fil-fatt f' okkazzjoni minnhom l-attrici tghid li kellha xtaqsam sesswalment mal-konvenut ghax "kien approffitta ruhu mill-eta' zghira" taghha. Ghalhekk ukoll, skond hi, kienet hassitha marbuta mieghu.

---

[2] Fol.13 *et seq.*
[3] Fol.33 *et seq.*

Illi fid-deposizzjoni[4] taghha quddiem din il-Qorti hija tispjega ulterjorment li wara zmien ta' konvivenza hija "ma kellhiex feelings ghalih" la emotivament u lanqas sesswalment; ghalkemm, tghid li kien ikollhom relazzjonijiet intimi "bhal kulhadd". Hija zzewwgitu ghax "kont minghalija" li kienet thobbu. Tikkonferma pero' li meta zzewwget hija kienet taf li kienu ser jghamlu l-att taz-zwieg u xorta riditu u zzewwgitu.

Illi omm l-attrici tghid li meta saret taf li t-tifla taghha l-attrici kienet qeda tohrog mal-konvenut, ragel ghaxar snin akbar minnha, hija kienet opponiet ghal din ir-relazzjoni, izda l-attrici "kienet iffissata fuqu" u xorta kompliet bir-relazzjoni nonostante li ommha kienet tifthilha ghajnenjha ghas-sitwazzjoni peress li hi kienet tara lill-konvenut "bhala bniedem stramb". Tghid li, wara li hi marret tkellem lill-konvenut biex jaqta' minn ma' bintha, "it-tifla haditha kontrija meta ghidtilha li kont kellimtu."[5] Wara li zzewwgu ommha marret toqghod hdejhom u kienet tinnota li l-konvenut kien ihalli kollox f' idejn l-attrici, filwaqt li hu kien piuttost passiv fejn jidhlu r-responsabbilitajiet tad-dar.

*Versjoni konvenut*

Illi fl-affidavit[6] tieghu l-konvenut jispjega li meta huwa kien ltaqa' ma' l-attrici l-ewwel darba hija kienet ghadha zghira fl-eta', u di fatti f' dak iz-zmien kien jiffrekwenta tfajliet ohra; izda l-attrici "xorta wahda kompliet tigri warajja u kienet tinsisti li tohrog mieghi" u okkazzjoni minnhemm kellhom x' jaqsmu flimkien. Huwa jghid li dan kien bil-kunsens tat-tnejn. "kienet tigri warajja u kienet thobbni u jiena dak iz-zmien kont migbud lejha."[7] Jghid li f' dak iz-zmien l-attrici kellha 17- il sena u mhux hmistax.[8]

Il-konvenut jghid li wara din l-okkazzjoni huwa kien insista li jinfirdu minhabba d-differenza fl-eta'. Izda, nonostante dan, u l-opposizzjoni ta' ommha, l-attrici xorta wahda

[4] Fol.63 *et seq.*
[5] Fol.29 *et seq.*
[6] Fol.36 *et seq.*
[7] Dep. fol.48
[8] Dep. fol.74 *et seq.*

baqghet tigri warajh u meta ghalqet it-18-il sena qaltlu li setghet tiddecidi hi x' taghmel b' hajjitha u mhux haddiehor ghaliha. Ghalhekk il-partijiet bdew johorgu flimkien b' mod regolari u l-konvenut beda jidhol fid-dar tal-genituri taghha; u wara tlett snin izzewwgu.

Il-konvenut jghid li dwar il-manutenzjoni u organizzazzjoni tad-dar hu kien jaghmel kollox, izda fil-hin tieghu peress li kien jahdem mit-8.00 am sas-7.00 pm u ghalhekk kien limitat fil-hin. F' dawn ic-crikostanzi l-attrici kienet taqbad u ccempel il-haddiema hi biex jaghmlu dak li ma kienx ilahhaq hu. Huwa jispjega li fis-sena 2001 il-partijiet kienu marru cruise, u minn dak in-nhar ir-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu naqsu hafna, sal punt li l-attrici kienet qaltlu li ma kienet qeda thoss aktar l-istess gibda lejh. Sussegwentement is-sitwazzjoni matrimonjali bdeit tiddegenera u eventwalment l-attrici qaltlu li kienet iddejqet tghix mieghu. Wara sar jaf li kienet interessata f' ragel iehor.

Fid-deposizzjoni[9] tieghu in subizzjoni l-konvenut jghid li "jiena b' mizzewweg nifhem li naqdu familja, konna fil-fatt gamilna d-dar, kollox ghamilna." Jghid li ma tantx kienu jiggieldu la qabel u lanqas wara.

Fid-deposizzjoni[10] ulterjuri tieghu l-konvenut jghid li r-relazzjonijiet intimi bejniethom kemm waqt l-gherusija kif ukoll wara, kienu jkun spissi; izda dawn bdew jonqsu fl-ahhar sena qabel is-separazzjoni. Huwa jghid li kenet l-attrici li kienet harget bl-idea ta' zwieg, u kienu wkoll marru il-kors ta' Kana. Kienet l-attrici li telqet mid-dar ghax ma rieditx tibqa' tghix mieghu, u marret tghix ma' ragel iehor.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-attrici qeda tibbaza l-azzjoni taghha fuq il-*capita nullitatis* kontemplati fil-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu precitat. In propositu jinsab ritenut fil-gurisprudenza li dawn ma jistghux jikkoezitu peress li parti ma tistax teskludi dak li ma tgharafx; u ghalhekk din l-Qorti ser

9 Fol.26 *et seq.*
10 Fol.74 *et seq.*

tikkunsidera dawn il-kawzalijiet bhala li gew propsoti b' mod alterjanttiv.

[A] Illi l-ewwel kawzali hija bazata fuq l-ewwel parti tal-paragrafu [d] li jikkontempla bhala wiehed mill-*capita nullitatis* id-difett serju ta diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-dmirijiet u drittijiet tal-hajja konjugali li l-attrici fl-istess kawzali qeda tattribwixxi kemm lilha nnifisha kif ukoll lill-konvenut.

Fl-ewwel lok jigi osservat li fil-fehma ta' din il-Qorti l-attrici ma kienetx veritera fil-maggjor parti ta' l-ewwel affidavit taghha meta tat stampa daqshekk negattiva tal-konvenut u tar-relazzjoni taghhom li eventwalment wasslet sabiex il-partijiet jiehdu decizjoni li jizzewwgu. Il-Qorti ma temminx lill-attrici meta tghid li anke f' dak iz-zmien ma kellhiex hegga ghaz-zwieg, li ma kienx ihares lejha kif ragel ihares lejn mara, li kienu iqshom zewgt ihbieb bla ghaqal, li ma kienux jrrelataw flimkien u li kellhom relazzjoni placida hafna. Il-Qorti tosserva li dan il-kwadru kif propost mill-attrici, apparti milli hu michud mill-konvenut, huwa sa certu grad mdghajjef minn dak li qalet ommha stess, u ma hux konfacenti mal-fatti provati.

Mill-provi jirrizulta car li l-attrici minn mindu kellha 15-il sena, kienet, fi kliem ommha "iffissata" fuq il-konvenut tant li ma riedet titilqu b' xejn u tlett snin wara, kompliet tigri warajh bir-rizultat li eventwalment bdew johorgu flimkien b' mod regolari, u anke kien ikollhom x' jaqsmu flimkien sesswalment. Wara sentejn zwieg il-partijiet kellhom tarbija u damu jikkonvivu seba snin wara li l-attrici eventwalment marret tghix ma' ragel iehor.

Illi minn ezami tal-fatti provati, il-Qorti ma tirravvisax dan il-caput nullitatis la fil-konfront ta' l-attrici u wisq anqas fil-konfront tal-konvenut. Jigi osservat li l-fatt li l-attrici, wara zmien ta' konvivenza matrimonjali, rrealizzat li l-konvenut ma kienx tajjeb ghaliha ghax bdiet tarah minn ottika differenti, ma jintegrax dan il-*caput nullitatis*. Fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali hi kellha 21 sena u ghalhekk tipprevali l-presunzjoni legali juris tantum li din kellha d-disrezzjoni ta gudizzju necessarja sabiex

tikkuntratta zwieg, u in mankanza ta' provi li juru l-kuntrarju, il-fattur ta' l-immaturita' proposta minnha ma jwassalx ghall-integrazzjoni ta' dan il-*caput nullitatis*. Minn imkien ma jirrizulta li l-attrici f' dak il-mument kienet affetta mill-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li taraf u tiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali jew minhabba li kienet mahkuma minn impulsi nterni li nehhewlha l-liberta tal-ghazla.

Il-provi juru li fid-data taz-zwieg, l-attrici, kienet ilha taf lill-konvenut ghal numru ta' snin, kienet tafu sew tant li kien anke ikollhom x' jaqsmu flimkien ta' spiss qabel iz-zwieg; hija kienet iffissata fuqu u rieditu u baqght tigri warajh sakemm fl-ahhar stabbiliet relazzjoni soda mieghu li wasslet ghaz-zwieg taghhom. Ghalhekk ma jistax validament, u b' mod serju jinghad, li hi zzewwget "lil xi hadd li ma tantx nafu". Di piu' ma jirrizultax li hi ma kellhiex certu dixxerniment ta' l-import tal-hajja konjugali. Di fatt l-partijiet izzewwgu, u wara sentejn kellhom tarbija, u kien wara numru ta' snin, u cioe' seba snin, li z-zwieg tkisser, u dan minhabba relazzjoni extra matrimonjali ta' l-istess attrici.

Illi l-istess konkluzjoni tapplika fil-konfront tal-konvenut. Il-Qorti ma tirravisa xejn mill-fatti provati li jistghu jwasslu ghall-integrazzjoni ta dan il-*caput nullitatis* fil-konfront tieghu. Huwa kellu l-eta' u l-maturita' necessarja sabiex jikkuntratta zwieg. Minn imkien ma jirrizulta li dana ma kellux dixxerniment tal-import tal-hajja matrimonjali, jew li kien nieqes mill-maturita' affettiva fil-konfront ta' martu.

Kif fuq premess, it-tul u n-natura tar-relazzjoni pre nuzzjali tal-partijiet, it-tul tal-konvivena matrimonjali li matulha kellhom relazzjonijiet intimi u anke tarbija wara sentejn zwieg, jnnewtralizza l-ewwel kawzali stante li mhux sostnuta, anzi hi kontradett, mill-provi.

[B] Illi t-tieni kawzali hija bazata fuq it-tieni parti tal-paragrafu [d] li jikkontempla l-caput nullitatis ta' l-anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet matrimonjali essenzjali. Illi l-

konsiderazzjonijiet prmessi fil-konfront tal-konvenut huma wkoll applikabbli ghal din il-kawzali. Illi, ghalkemm mir-rapport tal-psikjatra jirrizulta li "huwa probabbli" li l-konvenut ibati minn Dependent Personalitay Disorder, minn naha l-ohra jigi osservat li l-espert ikkonkluda li l-konvenut m'ghandhux problemi ta' ' functionali psychiatric illness serji'; u ghalkemm "huwa bniedem misthi u jbati minn ftit ansjeta' pero' dawn ma humiex ta' severita' tali li huma mard"[11]. Izda apparti minn dan il-provi juru li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-konvenut ma' kienx affett minn anomalija psikologika serja li rrendietu nkapaci, sal-grad ta' l-impossibilita', li jaqdi d-dmirijiet matrimonjali essenzjali.

Di fatti mill-provi jirrizulta li dan izzewweg wara relazzjoni twila mal-konvenuta, kellhom relazzjoniijiet intimi qabel u wara z-zwieg, kellhom tifla wara sentejn ta' zwieg, kien kapaci jirritjeni impieg sod u dejjem mantna lil familja tieghu, u kkonviva ma' martu ghal seba' snin wara z-zwieg. Minn dan jirrizulta li l-konvenut kien kapaci jesegwixxi, kif fil-fatt gie provat li ghamel, l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja matrimonjali, u cioe' "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obbligation of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of conjugal community. It is important to remember that these obligations must be mutual, permanent, continuous exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psycholoigical cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics *[Viladrich – citat fis-sentenza PA[VGD] Anna Galea vs John Walsh deciza 20 ta' Marzu 2000]*.

[C] Illi t-tielet kawzali hija bazata fuq il-paragrafu [f] li jikkontempla s-simulazzjoni bhala wiehed mill-*capita*

[11] Relazzjoni fol.94

*nullitatis* indikati fl-artikolu precitat; u hija proposta fil-konfront taz-zewg partijiet. Il-Qorti tosserva in propositu li mill-fatti esposti jirrizulta manifestament li z-zewg partijiet, izjed u izjed l-attrici, riedu li jizzewwgu, taw il-kunsens matrimonjali taghhom liberu, ikkonvivew seba snin, kellhom tarbija wara sentejn zwieg; u ghalhekk jirrizulta car li hadd minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali ma eskluda b' att posittiv tal-volonta' tieghu z-zwieg fin-nnifsu jew xi obbligazjoni matrimonjali essenzjali ghall-hajja konjugali. Ghaldaqstant anke dan il-caput nullitatis ma jirrizultax provat.

Dan premess u kkunsidrat it-talba attrici mhijiex gustifikata u ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha a kariku ta' l-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------